**26 ta' Jannar, 1984**

**Imħallef:-**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Carmelo Borg

**Falsifikazzjoni ta' Att Pubbliku - Att Awtentiku u Pubbliku**

Cheque *hu minghajr dubbju ta' xejn att awtentiku u pubbliku fit-termini ta' l-artikolu 191 tal-Kodiċi Kriminali (illum 183).*

*Skond ġurisprudenza kostanti, meta l-falsifikazzjoni ta' dokument hija grossolana u mhix idonea biex tinganna, imma d-dokument falsifikat huwa pubbliku, jissussisti r-reat ta' falsifikazzjoni minħabba l-preġudizzju li jiġi kkaġunat lill-interessi leġittimi taċ-ċittadin mill-offiża għall-fiduċja pubblika.*

Il-Qorti:-

L-appellat Carmelo Borg tressaq quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta akkużat:

Talli fil-Gżira ta' Malta, f'dawn l-aħħar xahrejn u fis-16 ta' Lulju, 1983, għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat (*cheue* tas-servizzi soċjali maħruġ f'ismu li jġib in-numru AK/915 395) b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firma, billi ħalaq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawn l-attijiet jew skritturi wara li kienu ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew attijiet, illi dawn l-attijiet jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

Barra minn dan, bil-ħsieb li jagħmel delitt ta' frodi b'għemil qarrieqi, wera dan il-ħsieb b'attijiet esterjuri u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, billi b'mezzi kontra l-liġi, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' entrapriżi foloz, jew ta' ħila, jew ta' krediti immaġinarji, biddel in-numru wieħed sabiex ikun

jista' jinqara bħala numru erba' fuq iċ-*cheque* tas-Servizzi Soċjali li hu maħruġ f'ismu liema *cheque* iġib in-numru AK/915 395 u b'hekk l-ammont fuq l-imsemmi *cheque* minflok juri ħmistax il-lira Maltija, issa kien juri ħamsa u erbgħin lira Maltija, u għaldaqstant ipprova jagħmel qligħ b'qerq ta' tletin lira Maltija, għad-dannu tal-Bank of Valletta u tal-Gvern ta' Malta, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu;

Barra minn dan, il-Qorti hi mitluba li tittratta ma' l-imputat fuq il-ksur tal-*probation* ta' l-Att 9 ta' l-artikollu 12 ta' l-1957 għal żmien ta' tliet snin, b'sentenza tal-Qorti tas-6 ta' April, 1981;

B'sentenza tad-19 ta' Settembru, 1983 il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta ma sabitx lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u għalhekk illiberatu

*Omissis*;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali li permezz tiegħu talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma u tbiddel is-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-imputat mit-tieni imputazzjoni ta' tentattiv ta' frodi b'għemil qarrieqi u tħassaraha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni ta' falsifikazzjoni taħt l-artikolu 191 tal-Kodiċi Krimiinali u wara li tisma' l-provi dwar din l-ewwel imputazzjoni issibu ħati tagħha u tgħaddi biex tinfliġġi l-piena preskritta mil-liġi;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali hu fis-sens li ġej:

"L-Ewwel Qorti illiberat lill-imputat miż-żewġ imputazzjonijiet peress li rriteniet li t-tbagħbis ta' l-imputat fiċ-*cheque* in kwistjoni kien tant grossolan li kien impossibbli li bih iqarraq b'xi ħadd u dan b'mod assolut. Dwar l-imputazzjoni taħt l-artikolu 322 tal-Kodiċi Kriminali l-esponenti ma jistax jilmenta stante li ġie ritenut mill-Qrati tagħna li l-potenzjalità ta' ingann ta' l-għemil doluż hu element essenzjali tar-reat taħt l-artikolu 322;

Dan mhux il-każ għar-rigward tar-reat taħt l-artikolu 191 tal-Kodiċi Kriminali fejn si tratta minn dokument pubbliku bħal fil-każ odjern. F'każijiet simili ta' falsifikazzjoni f'dokument pubbliku, il-Qrati tagħna irritenew li għalkemm il-falsifikazzjoni tkun grossolana la darba d-dokument ikun wieħed pubbliku jkun hemm bil-fatt stess tal-falsifikazzjoni d-dokument li f'każijiet simili jikkonsisti fil-preġudizzju li jiġi kkaġunat lill-interessi leġittimi taċ-ċittadin mill-offiża għall-fiduċja pubblika (**Re *vs* Vittoria Gauci**, XXXI.IV.341);

Irriżulta mingħajr ebda ombra ta' dubbju li l-imputat iffalsifika ċ-*cheque* dok. C (fol. 15) li huwa dokument pubbliku għall-finijiet ta' l-artikolu 191 tal-Kodiċi Kriminali u għalhekk fuq l-iskorta tal-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna in materja l-Ewwel Qorti kellha ssib lill-imputat ħati ta' l-istess reat stante li in materja l-grossolanità tal-falsifikazzjoni ma għandha ebda rilevanza";

Ikkunsidrat:

Illi l-appellat għal dan l-appell interpost qed jikkontendi li fil-każ odjern non si tratta ta' falsifikazzjoni ta' dokument pubbliku ai termini ta' l-artikolu 191 tal-Kap. 12;

Infatti l-appellat isostni illi:

L-artikolu 191 tal-Kodiċi Kriminali jitkellem dwar "att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat";

Illi mhux kull dokument fejn hu mdaħħal il-Gvern jista' jissejjaħ dokument pubbliku. Infatti, mhux dokument pubbliku, jew att awtentiku u pubbliku, skrittura ta' appalt mogħti mill-Gvern lill-persuna privata, jew ordni bil-miktub fejn il-Gvern jixtri xi oġġetti mingħand terzi. Dan għaliex, minkejja li fl-amministrazzjoni tiegħu, il-Gvern jaġixxi ħafna drabi f'kapaċità indaqs ma' persuni ċivili. F'*cheque* ukoll għandu relazzjoni kummerċjali fejn persuna twiegħed il-pagament tas-somma indikata lill-persuna li isimha jidher fuq iċ-*cheque*. F'dan il-każ id-Direttur tas-Servizzi Soċjali wiegħed il-pagament lill-appellat ta' ħmistax-il lira (Lm15) u bħala tali l-istess Direttur għan-nom tal-Gvern, mid-data taċ-*cheque*, daħal f'relazzjoni kummerċjali privata ma' l-imputat. Tant tappartjeni lill-kummerċ, ir-relazzjoni tad-Direttur tas-Servizzi Soċjali u l-imputat, li bħal kwalunkwe każ ieħor ta' pagament b'*cheque*, l-imputat seta' iġġira dan iċ-*cheque* favur terzi u jeżistu fil-konfont ta' dan iċ-*cheque* l-effetti kollha li jġib miegħu *cheque* kwalunkwe. Id-Direttur, f'dan il-każ, ma kienx qed jawtentika dokument, imma sempliċement kien qed ikun parti ma' l-imputat f'negozju ġuridiku emanenti miċ-*cheque* in kwistjoni;

Ikkunsidrat:

Illi f'dan ir-rigward u fil-kuntest ta' dak kollu li s'issa

ngħad jidher neċessarju li qabel xejn jiġi deterinat jekk iċ-*cheque* in kwistjoni hux "att awtentiku u pubbliku" fit-termini ta' l-artikolu 191 tal-Kodiċi Kriminali u dan għaliex tali deċiżjoni bilfors kif ġà ngħad u ser jiġi spjegat, tinfluwixxi fuq l-eżitu finali ta' dan l-appell;

L-artikolu 191 tal-Kap. 12 ma jagħtix definizzjoni ta' x'inhu "att pubbliku" però tali definizzjoni tinsab fl-artikolu 1276 (2) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi illi "l-att pubbliku hu dak li jiġi magħmul jew irċevut, bil-formalitajiet meħtieġa, minn nutar jew minn uffiċjal pubbliku ieħor li jkollu s-setgħa li jagħti fidi pubblika lill-att" u m'għandux ikun hemm dubbju li din id-definizzjoni hi dik li għandha tapplika għall-każ in diżamina;

X'inhu att awtentiku "kif diġà ntqal mill-Qorti Kriminali komposta minn tlett Imħallfin fil-11 ta' Diċembru, 1953 in re **Il-Maesta tar-Reġina** *vs* **Ġużeppi Zahra**, mhux definit mil-liġi però xi disposizzjonijiet ta' l-istess liġi juru biżżejjed x'tintendi l-liġi b'att awtentiku;

Din il-Qorti mhix ser toqgħod tirrepeti dak li ntqal fil-kawża fuq ċitata u minflok tagħmel referenza għall-insenjamenti u ċitazzjonijiet hemm ikkontenuti peress li taqbel perfettament magħhom;

Illi, tenut kont ta' dan kollu u taċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, din il-Qorti, wara li ħasbet fit-tul fuq il-kwistjonijiet legali involuti, hi tal-fehma li l-unika konklużjoni li legalment tista' tasal għaliha hi li *cheque* esebit hu mingħajr dubbju ta' xejn att awtentiku u pubbliku fit-termini ta' l-artikolu 191 tal-Kap. 12. Qabel xejn jingħad illi s-suppost *cheque* mhux *cheque* xejn iżda *bank draft* li hu ta' portata u natura differenti li jinfluwixxi anke fuq il-kwistjoni ta' awtentiċità. Inoltre, hu *draft* tal-Bank Ċentrali ta' Malta li hu organu Governattiv u l-istess *draft*

inħareġ mingħajr ebda dubbju ta' xejn minn uffiċjal pubbliku li hu d-Direttur tas-Servizzi Soċjali. Lanqas m'għandu jkun hemm kwistjoni fis-sens ta' dak li ngħad jekk hux att awtentiku liema awtentiċità del resto ma ġietx ikkontestata;

Stabbilit mela li d-*draft* in kwistjoni hu att awtentiku u pubbliku, jibqa' jiġi kkunsidrat jekk id-difiża tal-grossolanità tal-falsifikazzjoni tistax tiġi applikata għall-każijiet ta' atti pubbliċi u awtentiċi;

L-Avukat Ġenerali fir-rikors ta' l-appell tiegħu iċċita żewġ sentenzi ta' din il-Qorti u ċjoè dawk in re **Re *vs* Vittoria Gauci** riportat fil-Volum XXXI.IV.375 u in re **Re *vs* Joseph Rizzo** (XXXI.IV.341). F'dawn is-sentenzi u partikolarment fl-ewwel waħda kien ġie deċiż illi meta l-falsifikazzjoni ta' dokument hija grossolana u mhix idonea biex tinganna, imma d-dokument iffalsifikat huwa pubbliku, hemm fil-fatt tal-falsifikazzjoni n-nokument, li jikkonsisti fil-preġudizzju li jiġi kkaġunat lill-interessi leġittimi taċ-ċittadin mill-offiża għall-fiduċja pubblika. Infatti, kif jgħid l-Arabia (Principi del Diritto Penale, pġ. 179, ediż 1859): "*nel falso in pubblica scrittura il-pregudizio è presunto*"; u fil-paġna 173 - *Le falsità in pubblica scrittura presundono dal prejudicium alterius*;

Din il-Qorti kif issa ppresjeduta ma tħossx li jista' jkun hemm raġonamenti u argumenti legali sodi biżżejjed biex jiġi skoss il-prinċipju li ġie stabbilit bis-sentenzi fuq ċitati u għalhekk taqbel ma' l-istess prinċipju. Inoltre, tagħmel referenza ukoll għal sentenza oħra importanti ta' din il-Qorti tat-30 ta' Ġunju, 1961 in re **Il-Pulizija *vs* Paul Bonnici**, per Harding J. fejn anke ġiet ċitata sentenza oħra in re **Il-Pulizija *vs* Charles Le Brun** ta' din il-Qorti ta' l-20 ta' Ottubru, 1945 li mhux l-istess każ iċċitat mill-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi miġbura mill-Ewwel Onorabbli Qorti din il-Qorti tħoss li ma hemmx dubbju li fid-dawl tal-prinċipji legali kif issa enunzjati, il-ħtija ta' l-imputat fir-rigward ta' l-akkuża ta' falsifikazzjoni fit-termini ta' l-artikolu 191 tal-Kap. 12 tirriżulta suffiċjentement u għalhekk l-appell interpost mill-Avukat Ġenerali għandu u ser jiġi akkolt;

Kwantu għall-piena din il-Qorti wara li rat il-fedina penali ta' l-imputat li essenzjalment turi ċerta refrattarjetà u anke l-fatt li jidher li hu persuna li mid-dehra ma tridx titgħallem timxi skond il-liġi, ma tħossx li tista' ma tagħtix piena karċerarja. Sejra però, stante ċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ u l-mod kif saret il-falsifikazzjoni tapplika l-artikolu 23 A tal-Kap. 12 u tinżel mill-minimu iffissat mil-liġi;

Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell interpost mill-Avukat Ġenerali billi tilqa' l-istess u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha kwantu illiberat lill-imputat mit-tieni imputazzjoni ta' tentattiv ta' frodi b'għemil qarrieqi, tirevokaha kwantu lliberatu ukoll mill-ewwel imputazzjoni ta' falsifikazzjoni taħt l-artikolu 191 tal-Kap. 12 u minflok issibu ħati ta' din l-imputazzjoni u wara li rat l-istess artikolu 191 tal-Kap. 12 u bl-aplikazzjoni ta' l-artikolu 23A ta' l-istess Kap. 12, tikundanna lill-imputat għall-piena tal-priġunerija għal żmien tmien xhur mil-lum. Inoltre, peress illi jirriżulta illi b'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta tas-6 ta' April, 1981 l-appellat kien ġie lliberat taħt il-provvediment ta' l-artikolu 9 ta' l-Att XII ta' l-1957 għal żmien tliet snin fit-termini ta' l-istess Att, tibgħat lill-imsemmi Carmelo Borg bin il-mejjet Giuseppi u Giorgina xebba Curtin imwieled il-Ħamrun fis-27 ta' Diċembru, 1941 quddiem l-imsemmija Qorti ħalli din

tittratta miegħu skond il-liġi fit-termini tat-talba tal-Prosekuzzjoni għall-ksur tal-libertà kondizzjonata indikata.